MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 628/2004/1

**Benmar Company Limited**

**v.**

**Il-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar u Charlton Frank Saliba**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija fejn jinghad hekk:

“F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tgħid illi permess maħruġ mill-kunsill konvenut favur il-konvenut l-ieħor kien *ultra vires* u qiegħda titlob ukoll id-danni li ġarrbet minħabba f’dan l-għemil.

“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar kien iddeċieda illi parti mit-triq li tiġi quddiem proprjetà tas-soċjetà attriċi fi Triq Bekkun kantuniera ma’ Triq Majjiera, San Pawl il-Baħar, issir bankina biex jinqeda bihha l-konvenut Saliba. Din l-art li saret bankina kienet parti mill-proprjetà ta’ l-attriċi u, meta l-attriċi kienet żviluppat il-proprjetà tagħha, dik l-art kienet tħalliet biex issir it-triq, iżda l-attriċi qatt ma rċeviet kumpens għat-teħid ta’ l-art u qatt ma sar att ta’ trasferiment dwarha, u għalhekk l-art baqgħet proprjetà ta’ l-attriċi.

“Il-konverżjoni ta’ parti mit-triq għall-użu tal-privat meta l-attriċi ma ngħatat ebda kumpens għat-teħid ta’ dik l-art hija ta’ ħsara u dannu għall-attriċi u hija “użu inaċċettabbli” ta’ art li ttieħdet għall-użu tal-pubbliku mingħajr ebda kumpens. Jekk l-awtoritajiet pubbliċi ma jeħtiġux aktar din l-art għall-użu tal-pubbliku, huma marbuta li jrodduha lill-attriċi bħala s-sid tagħha u mhux jikkonvertuha għall-użu tal-privat.

“L-attriċi kompliet tgħid illi l-kunsill konvenut ma kellux is-setgħa jieħu din id-deċiżjoni mingħajr ma jkun hemm deċiżjoni ukoll ta’ l-awtoritajiet kompetenti, fosthom l-Awtorità tat-Trasport, l-Awtorità ta’ Malta ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Awtorità tat-Turiżmu u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet. Għalhekk, id-deċiżjoni tal-kunsill konvenut li jħalli lill-konvenut Saliba jinqeda bl-art ta’ l-attriċi għat-tqegħid ta’ mwejjed għan-negozju tiegħu kienet deċiżjoni li tikser il-liġi u hija *ultra vires*.

“Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti b’ittra uffiċjali ta’ l-14 t’April 2004, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

“1. tgħid illi l-permess mogħti mill-kunsill lokali konvenut biex il-konvenut l-ieħor Saliba jqiegħed imwejjed fuq l-art imsemmija kienet *ultra vires* u bi ksur tal-liġi;

“2. tordna li l-imwejjed jitneħħew u l-użu privat ta’ l-art jieqaf minnufih; u

“3. tikkunanna lill-konvenuti jew lil xi wieħed minnom iħallsu lill-attriċi d-danni – li jiġu likwidati mill-qorti – li ġarrbet minħabba fl-għemil illegali fuq imsemmi.

“Il-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. l-ewwel talba safejn magħmula kontra l-eċċipjent ma tistax tintlaqa’ għax l-eċċipjent ma ta ebda permess lill-konvenut Saliba biex iqiegħed imwejjed jew ħwejjeġ oħra fuq l-art li dwarha saret il-kawża; ma huwiex fost is-setgħat tal-kunsill li jagħti permessi għat-tqegħid ta’ mwejjed u siġġijiet fuq il-bankini;

“2. l-eċċipjent ma għamel xejn bi ksur tal-liġi;

“3. l-eċċipjent għalhekk ma jweġibx għal danni; u

“4. l-attriċi ma ġarrbet ebda danni.

“Il-konvenut Saliba ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. l-eċċipjent jismu Charlton Frank Saliba, mhux Carlton Frank Saliba; din l-eċċezzjoni ingħatat għax isem il-konvenut Saliba kien deher ħażin fuq iċ-ċitazzjoni u, wara li saret korrezzjoni b’dikriet tal-10 ta’ Mejju 2007, ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;

“2. l-azzjoni kif magħmula kontra l-eċċipjent hija “nulla” għax l-azzjoni kif magħmula taħt id-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 469A tal-Kodiċi Ċivili u t-talba għall-ħlas ta’ danni għandha ssir kontra awtorità pubblika li tkun wettqet l-att amministrattiv; l-eċċipjent għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

“3. għalhekk ukoll l-eċċipjent ma għandux jiġi kundannat iħallas danni;

“4. is-soċjetà attriċi għandha tagħmel il-prova ta’ l-interess ġuridiku tagħha dwar it-titolu ta’ proprjetà li tgħid illi għandha fuq l-art, jew bankina, li dwarha għamlet il-kawża, għax dik il-bankina saret fi triq pubblika, Triq il-Bekkun, il-Qawra;

“5. it-talbiet ta’ l-attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż safejn magħmula kontra l-eċċipjent għax dan talab u kiseb il-permessi u l-liċenzi kollha meħtieġa sabiex jarma mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina li tinsab bejn il-parapett ta’ *Crazy Daisy Pub*, proprjetà tiegħu, u t-triq pubblika, u għalhekk ma hux qiegħed jikser il-liġi meta jinqeda bil-bankina.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tat-28 ta’ Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:

“Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi:

“1. tiċħad it-talbiet safejn magħmula kontra l-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar;

“2. tilqa’ t-tieni talba billi żżomm lill-konvenut Saliba milli jagħmel użu kummerċjali mill-bankina proprjetà ta’ l-attriċi;

“3. tikkundanna lill-konvenut Saliba jħallas lill-attriċi b’titolu ta’ danni bħala kumpens għall-okkupazzjoni ta’ l-art is-somma ta’ mitejn euro (€200) fis-sena mill-14 t’April 2004 sa meta jieqaf jagħmel użu kummerċjali mill-bankina; u

“tikkundanna lill-konvenut Saliba jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.’

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-fatti relevanti ta’ din il-kawża seħħew hekk:

"Il-konvenut Saliba għandu ħanut tax-xorb li l-aċċess tiegħu għat-triq huwa minn parapett li huwa proprjetà tas-soċjetà attriċi iżda li l-fond tal-konvenut igawdi servitù ta' mogħdija minnu. Il-konvenut Saliba kien rama xi mwejjed u siġġijiet fil-parapett iżda l-attriċi waqqfitu milli jagħmel hekk billi fetħitlu u rebħet kawża fl-ismijiet *Benmar Company Limited versus* Charlton Frank Saliba (ċitazzjoni numru 1372/2001) li nqatgħet b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 2006.

"Il-konvenut Saliba, meta ra li ma setax jarma fuq il-parapett, kiseb il-kunsens tal-kunsill konvenut biex f'isem l-istess kunsill iwessa' l-bankina – u hekk idejjaq it-triq – ta' quddiem il-parapett biex ikun jista' jarma mwejjed fuq il-bankina. L-attriċi fetħet il-kawża tallum għax qiegħda tgħid illi t-triq illi minnha ttieħdet l-art biex twessgħet il-bankina hija tagħha wkoll.

"Il-kwistjoni ewlenija għalhekk hija dwar il-proprjetà ta' l-art li fuqha saret il-bankina: l-attriċi tgħid illi hija tagħha, il-kunsill konvenut igħid illi hija tal-gvern, u l-konvenut Saliba jgħid illi l-attriċi ma għandhiex interess biex tmexxi b'din il-kawża ladarba l-art ma hijiex tagħha. Qabel ma nqisu din il-kwistjoni, iżda, jeħtieġ illi nqisu l-eċċezzjoni tal-konvenut Saliba li tgħid illi l-azzjoni, safejn magħmula kontra tiegħu, ma tiswiex għax hija azzjoni taħt l-art. 469A tal-Kodiċi Ċivili – dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv – li tista' ssir biss kontra awtorità pubblika.

"Tassew illi t-talba biex il-qorti tgħid illi l-permess mogħti mill-kunsill biex il-konvenut l-ieħor iqiegħed imwejjed fuq il-bankina ma jiswiex għax *ultra vires* setgħet saret biss kontra l-awtorità pubblika – l-istess kunsill – li tat il-permess. L-attriċi iżda qiegħda titlob ukoll illi jieqaf l-użu tal-bankina li qiegħed isir mill-konvenut Saliba u biex il-qorti tikkundanna lil min imiss mill-konvenuti biex iħallas id-danni. Il-konvenut Saliba għandu interess illi jikkontesta dawk it-talbiet, li għalhekk saru sew kontra tiegħu.

"Barra minn hekk, għalkemm it-talba biex il-qorti tgħid illi d-deċiżjoni tal-kunsill kienet *ultra vires*, kif magħmula t-

talba, tagħtik x'taħseb illi hija mibnija fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt amministrattiv dwar setgħat ta' awtorità pubblika, effettivament hija mibnija fuq konsiderazzjoni ta' dritt privat dwar proprjetà.

"L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-proprjetà.

"Fil-kawża fuq imsemmija fl-ismijiet *Benmar Company Limited versus* Charlton Frank Saliba (ċitazzjoni numru 1372/2001) li nqatgħet b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 2006, il-qorti, għalkemm iddeċidiet biss dwar il-proprjetà tal-parapett, kienet qalet illi t-titolu tal-proprjetà tas-soċjetà attriċi ġej minn kuntratt tat-12 ta' Diċembru 1979 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri. Bis-saħħa ta' dak il-kuntratt Bernard Farrugia, awtur ta' l-attriċi, kien kiseb l-art "inkluż[a] l-parti stradali". L-attriċi mbagħad kisbet din il-proprjetà mingħand Bernard Farrugia b'kuntratt tas-26 ta' Mejju 1982 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri.

"Il-konvenut Saliba, kif qalet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Mejju 2006, għandu biss l-art 'il ġewwa mill-parapett. Għalhekk, mhux biss il-parapett iżda wkoll "il-parti stradali" huma ta' l-attriċi.

"Il-konvenuti qegħdin igħidu, iżda, illi t-triq ittieħdet mill-gvern u għalhekk il-bankina, li saret fuq parti mit-triq, ukoll hija tal-gvern.

"Il-materja hija regolata bl-art. 20(10) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li jgħid hekk:

"(vi) It-toroq li ma jkunux tal-Gvern għandhom, meta dawk it-toroq ikunu inklużi fi skema jew fi pjan lokali -

"(*a*) malli jitlesta l-kisi tagħhom bl-asfalt jew xort'oħra, u

"(*b*) malli tiġi pubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna dan, isiru proprjetà tal-gvern … … …

"Dan ifisser illi, biex it-triq issir proprjetà tal-gvern, iridu jseħħu t-tliet kondizzjonijiet – i. inklużjoni fi skema jew fi pjan lokali, ii. kisi bl-asfalt jew xort'oħra, u iii. pubblikazzjoni ta' Ordni tal-President fil-Gazzetta – iżda ma tressqet ebda prova illi seħħew dawn il-kondizzjonijiet; partikolarment, ma ntweriex illi saret pubblikazzjoni ta' Ordni tal-President.

"Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova illi l-art ittieħdet mill-gvern, għandha titqies illi għadha proprjetà ta' l-attriċi. Bħala proprjetarja, l-attriċi għandha jedd illi ma tħallix illi jsir mill-art użu li hi ma tridux, partikolarment, fil-każ tallum, illi l-konvenut Saliba jarma siġġijiet u mwejjed għan-negozju tiegħu.

"L-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kienet biex il-qorti tgħid illi l-permess mogħti mill-kunsill lokali konvenut biex il-konvenut l-ieħor Saliba jqiegħed imwejjed fuq l-art imsemmija kienet *ultra vires* u bi ksur tal-liġi. Mix-xiehda ħareġ illi ma kienx il-kunsill li ta dak il-permess; il-kunsill kien biss ħalla illi l-konvenut Saliba jqabbad kuntrattur f'isem il-kunsill biex iwessa' l-bankina. Billi għalhekk ma saritx prova illi kien ingħata l-permess imsemmi fl-ewwel talba, il-qorti ma tqisx it-talba.

"It-tieni talba – biex jitneħħew l-imwejjed minn fuq il-bankina u biex ma jsirx użu privat minnha – għandha tintlaqa' fis-sens illi l-imwejjed imqiegħda mill-konvenut Saliba għandhom jitneħħew u l-konvenut Saliba ma għandux jagħmel użu kummerċjali mill-bankina.
'It-tielet talba hija għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

"L-attriċi qiegħda tippretendi, bħala danni, il-qligħ illi għamel il-konvenut Saliba mill-użu tal-bankina, għax qiegħda tgħid illi Saliba stagħna b'dak il-qligħ b'telf għaliha. Ma nġiebed ebda prova, iżda, illi l-attriċi ġarrbet xi telf bil-qligħ li għamel il-konvenut Saliba, għax la ntwera illi l-attriċi, li kieku l-konvenut ma qiegħedx l-imwejjed,

setgħet tinqeda hi bi qligħ bl-art jew tikriha lil terzi bi ħlas, u lanqas illi l-klijenti li marru għand il-konvenut u qagħdu fuq dawk l-imwejjed kienu, li ma kienx hemm l-imwejjed, imorru f'xi stabbiliment ta' l-attriċi minflok.

"Madankollu, huwa minnu illi l-konvenut inqeda b'art ta' l-attriċi u għal dan għandu jħallas. Wara li qieset kemm l-użu li għamel il-konvenut mill-art kif ukoll illi kull użu ieħor huwa, min-natura ta' l-affarijiet, limitat, il-qorti tillikwida b'titolu ta' danni bħala kumpens għall-okkupazzjoni ta' l-art is-somma nominali ta' mitejn euro (€200) fis-sena mill-14 t'April 2004, meta saret l-ittra uffiċjali, sa meta l-konvenut Saliba jieqaf jagħmel użu kummerċjali mill-bankina."

**L-appelli ntavolati.**

Minn din is-sentenza appella b'mod principali l-konvenut Charlton Frank Saliba li talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu u konsegwentement michuda t-talbiet attrici u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Appellat ukoll, b'mod incidentali, is-socjeta` attrici Benmar Company Ltd li talbet li jigi varjat l-ammont likwidat favur taghha bhala kumpens lilha dovut billi jigi likwidat ammont f'dak il-valur realment dovut ghall-uzu illegali, abbuziv u/jew illecitu tal-proprjeta` taghha u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha.

Is-socjeta` attrici u l-konvenut appellanti Saliba pprezentaw risposti ghall-appell u appell incidentali ntavolati mill-kontro-parti. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, debitament notifikati bl-appelli, la pprezenta appell u lanqas risposti ghall-appelli msemmija. Id-difensuri tal-kontendenti kollha ttrattaw l-appell fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2011 meta l-appell gie mholli ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti tal-kaz huma ben riportati fis-sentenza appellata u ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjonijiet zejda, din il-Qorti taghmel referenza ghad-diversi paragrafi relattivi.

**L-aggravji tal-konvenut Saliba.**

Il-konvenut ressaq tliet aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jikkoncernaw:

a) ic-cahda tat-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut billi qed jinghad li, la darba l-azzjoni kienet proposta taht l-Artikolu 469(a) ghal stharrig ta’ ghemil amministrattiv, huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

b) ir-responsabbilita` ghad-danni billi qed jinghad li l-bankina hija pubblika, uzata minn kullhadd u l-konvenut appellant agixxa in *bona fede;*

c) li ma hemm ebda danni dovuti billi s-socjeta` attrici ma sofriet ebda telf.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel aggravju.**

It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut tghid hekk: *“l-azzjoni kif maghmula kontra l-eccipjent hija ‘nulla’ ghax l-azzjoni kif maghmula taht id-disposizzjonijiet ta’ l-art. 469A tal-Kodici Civili* [recte : Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12] *u t-talba ghall-hlas ta’ danni ghandha ssir kontra awtorita’ pubblika li tkun wettqet l-att amministrattiv; l-eccipjent ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju.”* L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni u fil-konsiderazzjonijiet taghha biex waslet ghal dik id-decizjoni qalet hekk: “*Tassew illi t-talba biex il-qorti tghid illi l-permess moghti mill-kunsill biex il-konvenut l-iehor iqieghed imwejjed fuq il-bankina ma jiswiex ghax ‘ultra vires’ setghet saret biss kontra l-awtorita` pubblika – l-istess kunsill – li ta l-permess. L-attrici izda qieghda titlob ukoll illi jieqaf l-uzu tal-bankina li qieghed isir mill-konvenut Saliba u biex il-qorti tikkundanna lil min imiss mill-konvenuti biex ihallas id-danni. Il-konvenut Saliba ghandu*

*interess illi jikkontesta dawk it-talbiet, li ghalhekk saru sew kontra tieghu."* L-ewwel Qorti mbaghad kompliet hekk: *"Barra minn hekk, ghalkemm it-talba biex il-qorti tghid illi d-decizzjoni tal-kunsill kienet ultra vires, kif maghmula t-talba, taghtik x'tahseb illi hija mibnija fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt amministrattiv dwar setghat ta' awtorita` pubblika, effettivament hija mibnija fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt privat dwar proprjeta`."*

Din il-Qorti, tenut kont tal-fattispecie kollha tal-kaz u tenut kont ukoll tal-ghan ewlieni tal-proceduri sottoezami senjatament dawk li johorgu car mit-tieni u tielet talba attrici, taqbel kompletament ma' dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Infatti jekk il-konvenut Saliba nghatax jew le permess mill-Kunsill huwa fatt sekondarju billi dak li qed titlob s-socjeta` attrici hu li Saliba jnehhi l-imwejjed minn fuq il-proprjeta` taghha, li jieqaf l-uzu abbuziv tal-istess proprjeta` u li tithallas id-danni. Jidher ghalhekk li mhux d-decizjoni amministrattiva konsistenti fl-ghotja ta' permess li kienet l-ixprun ta' dawn il-proceduri izda l-okkupazzjoni illecita ta' proprjeta` privata bil jew minghajr permess, billi anke jekk kien hemm permess dan kien ikun invalidu stante li l-art, kif irrizulta, hija tas-socjeta` attrici u hadd ma ghandu dritt jaghti permess ghall-uzu ta' art privata jekk mhux l-istess sid l-art. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Dwar it-tieni aggravju.**

Il-konvenut appellant jikkoncedi li qatt ma saru l-proceduri tal-esproprju da parti tal-gvern fuq l-art mertu tal-kawza. Biss jargumenta li l-art hija ghall-ghexiren ta' snin tigi uzata mill-pubbliku apertament. Jikkontendi ghalhekk li hu ma ghandux jigi mizmum responsabbli ghad-danni billi uza din l-istess art.

Din il-Qorti tosserva li hemm distinzjoni netta bejn l-uzu li jsir mill-pubbliku in generali tal-art mertu tal-kawza li effettivament huwa limitat ghall-passagg bir-rigel minn fuq din il-bankina, u l-uzu li kien qed jaghmel u ippretenda li jkompli jaghmel l-istess konvenut appellant u cioe` li jokkupa l-istess bankina b'imwejjed u siggijiet ghall-iskop

tan-negozju tieghu b’mod li l-istess konvenut appellant qed jarrikkixxi ruhu ghad-dannu tas-socjeta` attrici billi qed jaghmel uzu mill-imsemmija bankina proprjeta` tal-istess socjeta` attrici. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u b’hekk qed jigi michud.

**Ikunsidrat:**

**Dwar it-tielet aggraju.**

Dan l-aggravju jikkoncerna l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lis-socjeta` attrici minhabba l-allegat uzu tal-bankina billi l-konvenut appellant qed isostni li ebda ammont ma hu dovut stante li l-istess socjeta` attrici ma sofriet ebda telf. Dan l-aggravju jikkontrasta b’mod lampanti ma’ l-aggravju mressaq fl-appell incidentali tas-socjeta` attrici billi fl-appell taghha din qed issostni li l-ammont likwidat huwa baxx wisq u ghandu jigi awmentat hafna biex jirrifletti l-arrikkiment indebitu tal-konvenut u dan skont it-taghlim ta’ din il-Qorti fil-kawza ***Joseph Cachia v. Yellow Fun Limited*** *deciza fl-10 ta’ Ottubru, 2005*, liema taghlim illum jinsab introdott fil-Kodici Civili permezz tal-Artikolu 1028A li jghid hekk: *“Min, minghajr kawza gusta, jarrikkixxi ruhu ghad-dannu ta’ haddiehor ghandu fil-limiti ta’ l-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa <u>ghal kull tnaqqis patrimonjali</u> li setghet sofriet dik il-persuna.”*

Tenut kont tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti tara li l-gudizzju tal-ewwel Qorti fir-rigward kien wiehed ghaqli u prudenti billi meta llikwidat l-ammont ta’ €200 fis-sena, liema likwidazzjoni jidher li kienet qed issir ‘*arbitrio boni viri’,* ghalkemm irriteniet li kien hemm obbligu ta’ hlas da parti tal-konvenut stante li dan inqeda bl-art in kwistjoni, osservat li ma kienet ingiebet ebda prova li s-socjeta` attrici kienet garrbet xi telf bhala konsegwenza ta’ dan l-uzu mill-konvenut. Din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk tiddikjara kemm it-tielet aggravju tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` attrici bhala mhux gustifikati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` attrici qed jigu michuda u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez jkunu dawk tal-appell principali ghall-konvenut appellant Saliba mentri dawk tal-appell incidentali ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------